MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2010

Numru. 828/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Hersey]**

**vs**

**Frances Gatt**

**Illum, 12 ta’ Awissu 2010**

**Kumpilazzjoni Numru: 828/2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Frances Gatt, ta’ 48 sena, bint Michael u Carmela nee’ Fenech, imwielda nhar is-17 ta’ Awissu, 1961 gewwa Birkirkara, u residenti

27, Triq Ghar il-Gobon, Birkirkara u detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 559661(M).

Akkuzata talli f' April 2010, bil-hsieb li taghmel delitt, ikkuntrattat zwieg meta kienet taf li l-iskop uniku tal-persuna l-ohra f'l-ikkuntrattar taz-zwieg kien li tinkiseb cittadinanza Maltija, jew il-liberta ta' Moviment f' Malta, jew permess biex tahdem jew biex tirrisjedi f' Malta, jew id-dritt li tidhol f' Malta jew id-dritt li tikseb kura medika f' Malta.

U aktar talli that l-istess cirkostanzi, f' dawn il-gzejjer assocjat ruhha flimkien u/ma xi persuna jew persuni ohra f' Malta jew barra minn Malta bil-ghan li taghmel delitt f' Malta (reat bi ksur ta' l-artikolu 38(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta) li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 48A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 38 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura ta'l-imputazzjonijiet li taghhom l-imputata qed tinstab hatja, l-koperazzjoni taghha mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-

aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, kif ukoll ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 38 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta  qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn (2).

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju r-responsabbilta taghha u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fil-perjodu fuq imsemmi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------